MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Numru. 614/2010

Il-Pulizija
(Sp Tony Cachia)
vs
Massimo Tivisini, iben Paolo, imwieled Messina fil-5 ta' Diċembru, 1968, Karta ta' l-Identita numru 228393(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
a. talli fit-12 ta' Ġunju, 2010 għal ħabta tan-nofs siegħa ta' fil-għodu fi Triq l-Għoxrin ta' Jannar, Qormi, uża vjolenza sabiex iġiegħel lil Eleonor Camilleri tagħmel, tħalli ssir jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa;
b. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ġab ruħu, b'mod tali li ta fastidju lill-persuna oħra u cioe' lil Eleonor Camilleri, b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta fastidju għal dik il-persuna;

c. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBI 803, għad-dannu ta' Eleonor Camilleri;
d. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi hedded lil Eleonor Camilleri bil-kliem;
e. talli sar reċidiv b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati Maltin li saru definittivi;
f. talli kiser ordni mposta fuqu skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi skont l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta ta' Eleonor Camilleri.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2010 fejn ġie stabilit li d-danni li sofriet l-parte ċivile jammontaw għal €471.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tieħu. Rat l-artikoli 49, 251, 251A, 325(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation għal żmien tlett (3) snin mil-lum. Rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €471 danni lil Eleonor Camilleri fi żmien sitt xhur mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament favur l-imputat għal żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------